KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

9 ta' Novembru 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-Ghaxar Laqgha (10) tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah l-Ghaxar (10) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm.**

L-Ghaxar (10) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
6. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
7. Rapport Finanzjarju – Tieni Kwart tas-Sena
8. Evalwazzjoni tal-offera – FLC/T/6/12 – Architects and Works Manager
9. Skemi UIF u CPPS / Progett ta parkegg pubbliku
10. Celebrafzzjoni Nazzjonali ta Lejliet L-Ewwel tas-Sena
11. PPP – Justbes Ltd
12. Post Mortem Floriana Fest.
13. Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
14. Progett hdejn Binja Vilhena
15. Bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti / Triq L-Iljun
16. Indafa fil-Floriana
17. Aggornament tal-Laqgha

Ghall-Ghaxar (10) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Matthew Paris, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat minhabba ragunijiet ta' sahha.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tad-Disa’ (09) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta’ materja nru. 3.20 li ghandha taqra “maggoranza tal-Kunsill”.

1.3. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta’ materja nru. 5.9 li ghandha taqra “Justin Tabone”.

1.4. Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.5. Il-minuti tal-Laqgha Straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.6. Il-minuti msemmija f'1.5 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.9 (9) u saqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-Knisja Arcipretali sabiex tigi ccelebrata quddies ghal ruh ex kunsillieri. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien hemm bzonn li l-Kunsill jiddeciedi gurnata meta ssir din il-quddies sabiex ikun jista’ jaghmel l-arrangamenti necessarji. Il-Kunsill qabel li din il-quddiesa ghandha tigi ccelebrata matul il-gimgha, filghaxija fix-xahar ta’ Novembru u ghandha tigi offruta primarjament ghar-ruh ta’ ex kunsillieri izda wkoll ghall-mejtin kollha Furjanizi.

2.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li jitlob lill-Arcipriet sabiex jaqra l-avviz tal-Kunsill rigward il-youth exchange matul l-avvizi tal-Hadd u nformat li l-avviz ma kienx inqara. Hi ziedet tghid li ma kinietx certa jekk inqarax l-avviz l-iehor rigward il-vaccin tal-influwenza. Il-Kunsillier Vincent Borg insista li hemm bzonn li jkun hemm koperazzjoni bejn il-Kunsill u l-Arcipriet u tali koperazzjoni trid tkun mutwali.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.15 (9) u saqsa x’kien gara minn dakinhar. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li wara li Karl De Flavia kien tkellem mas-Sur Brian Zammit, dan m’accettax minhabba li qal li kien ghamel diversi spejjez minn butu. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jiccekkja fil-fajls tieghu kif ukoll mal-MTA u qabel li din il-bicca ssir min-naha tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-kuntratturi passati kollha kienu ghamlu l-ispejjez u ghalhekk ma kienx biss dan il-kuntrattur.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.27 (9) u saqsa x’kien gara minn dakinhar u jekk ghandux x’jaqsam mal-materja dak li ntbaghat mis-Segretarju Ezekuttiv dwar ir-rapport. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien tkellem ma’ Joe Buhagiar u kien qed jistenna kwotazzjoni minghandu. Huwa qal li kien tkellem ukoll mal-PPCD ta’ Malta biex jivverifika jekk hemmx kunflitt t’interess izda kien ghadu qed jistenna risposta minghandom ukoll. Il-Kunsill qabel li ghandu jqabbad lil parti terzjarja sabiex taghmel l-istudju fuq il-parti botanika tal-gonna u l-ameljorazzjoni taghhom. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill jikkuntattja lil Dr Grech li huwa espert f’dan il-qasam.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.31 (9) u saqsa jekk il-Kunsill kienx kellu risposta. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li Dr Mark Mizzi ma kienx qed

jirrispondi l-emails mibghuta mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ladarba ma kienx ircieva risposta, ghandu jinforma lil Dr Mark Mizzi li ser tigi ccirkolata sejha ghal tfal li huma interessati japplikaw ghal din l-iscolarship u jigi kkjarifikat li din l-iscolarship ghandha tinkludi wkoll tfal li diga jaghmlu parti mill-akkademja, u f'kaz li jintaghzel xi hadd minn dawn, ghandu jkun hemm ftehim li dawn ikunu intitolati ghal sena b'xejn xorta wahda.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 5.4 u saqsa jekk is-servizz giex imnehhi. Huwa zied jghid li waqt il-laqgha tal-Kunsill kien gie deciz li s-servizz jitnehha. Is-Sindku wiegeb li skont hu, ma kienx hemm decizjoni li s-servizz jitnehha. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ziedet tghid li s-Segretarju Ezekuttiv kien baghat email fejn ta l-informazzjoni rikjesta u saqsa jekk is-servizz ghandux jitnehha. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jerga' jirrevedi l-emails li ntbaghtu. Is-Sindku wiegeb li ladarba din ma kinietx imnizzla fil-minuti u lanqas ma kienet mittiehda decizjoni permezz ta' memo interna, allura ser ikun hemm bzonn li din titressaq bhala mozzjoni jew memo interna. Is-Sindku zied jghid ukoll li l-maggoranza tal-kunsilli kollha ghandhom sett tat-televizjoni dan sabiex ikunu jistghu isegwu avvenimenti u ahbarijiet li jikkoncernawhom.

2.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 5.7 (9) u saqsa rigward il-lista ta' memos interni ghall-approvazzjoni. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li dawn kienu ntbaghtu permezz ta' email dakinhar stess.

2.8 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 16.1 (9) u nforma li kienu ttiehdu r-ritratti necessarji u kienu gew mghoddija lis-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ziedet tghid ukoll li kienu qed jistennew risposta minghand il-Perit tal-Kunsill.

2.9 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 16.2 (9) u saqsa kif kien baqa' l-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Kunsill kien qed jistenna l-pjan tal-Perit minhabba li trid issir applikazzjoni l-MEPA sabiex dawn jitnehhew. Huwa zied jghid li l-applikazzjoni ser tigi sottomessa wara li jigi maghzul il-perit tal-Kunsill.

2.10 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materji nru 16.4 u 16.5 u saqsa kif kien baqa l-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien kiteb liz-zewg entitajiet u kien qed jistenna risposta minghandhom.

## <u>3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Amateur F.C. fejn talbu biex ghal darb'ohra jigi organizzat b'mod kongunt id-darts ranking one day tournament. Il-Kunsill qabel li jorganizza dan it-tournament b'mod kongunt izda qabel li s-somma m'ghandiex teccedi l-€400 jew is-somma li ntefqet is-sena l-ohra.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Amateur F.C. fejn talbu wkoll li tinghalaq Triq il-Konservatorju ghar-ricevinent li ser isir nhar l-10 ta' Novembru. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha mehtiega mill-entitajiet, specjalment il-Pulizija.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Angela Martinez rigward il-youth exchange programme. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informa li ghalkemm kienu avvicinawha zewg persuni inizjalment, jidher li ma baqghux interessati. Hija ziedet tghid li l-Kunsill kien talab lill-Arcipriet sabiex jaqra l-avviz ghal min hu nteressat fil-quddies tal-Hadd izda dan ma kienx inqara. Il-Kunsillier Vincent Borg rega' sostna li kien hemm bzonn li l-Kunsill isib il-koperazzjoni minghand l-Arcipriet specjalment f'materji li jkunu ta' beneficcju ghall-komunita' Furjaniza. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill jaghmel appell fic-cirkolari li ser johrog fejn jappella lil dawk interessati jiehdu sehem f'xi youth exchange eventwali sabiex iressqu isimhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel l-

avviz fuq il-pagna tieghu ta' Facebook u qabel ukoll li ghandu jinforma lis-sotto kumitat tar-relazzjonijiet internazzjonali sabiex jaghti l-ghajnuna tieghu.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn talbu l-ghajnuna tal-Kunsill kif ukoll tal-Gvern Centrali rigward it-tindif ta' shelter tal-gwerra li jkun jista' jinfetah bhala wahda mill-attrazzjonijiet tal-lokalita' f'Genna ta' Gonna. Il-Kunsill ma laqax it-talba minhabba li m'ghandu la n-nies u lanqas il-fondi sabiex jiehu f'idejh progett bhal dan.

3.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Mental Health Clinic fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jaghmlu rampa quddiem il-bieb taghhom. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li f'dan il-clinic imorru diversi nies li jaghmlu uzu minn siggu tar-roti u ghalhekk kien inhass il-bzonn li tintrama' rampa li tkun tista' tizzarma. Huwa zied jghid li din mhux ser tkun t'ostaklu partikolari. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li l-Kunsill jivverifika jekk dan il-clinic kellux permess jopera minn fejn qieghed qabel ma jipprocedi bl-ghoti ta' permess u dan anke minhabba li tali rampa ser tostakola l-bankina ghar-residenti li jkunu ghaddejjin minn fuq din il-bankina. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb u jinforma li ma jsibx oggezzjoni ghall-armar ta' rampa diment li jinkisbu l-permessi kollha necessarji mill-awtoritajiet kompetenti inkluz dak tal-MEPA. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet ukoll li jekk il-clinic m'ghandux permess jopera mill-bini, il-Kunsill ghandu jnehhi wkoll ir-reserved parking bay minn quddiemhom.

**<u>Nota: 18:10 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.</u>**

3.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Anthony Mizzi fejn informa lill-Kunsill bi produzzjoni gdida ta' film bl-isem ta' Imhabba fuq l-Gholja. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm min hu interessat jattendi, il-Kunsill qabel li ghandu jiffinanzja biss it-trasport bhalma soltu jaghmel. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kontra din it-talba u kontra li l-Kunsill ikompli jzid l-ispejjez minhabba li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija wahda prekarja u ghalhekk hu jinsab kontra kull nefqa jew spiza gdida li ser jidhol fiha l-Kunsill. Huwa zied jghid li kull kunsillier ghandu dritt iressaq talbiet f'mozzjonijiet, u dak li japprova nefqiet zejda ghandu jerfa' r-responsabbilta' tad-decizjoni tieghu. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li jkun ahjar jekk il-Kunsill inaqqas mill-ispejjez magguri tieghu marbuta m'attivitajiet kbar organizzati mill-istess kunsill. Is-Sindku wiegeb li hu kien ser isostni dan il-punt minhabba li jekk il-Kunsill ser izid spejjez godda, mhux ser ikun jista' jmantni l-ispejjez li ssoltu jaghmel.

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Learning Support Centre fejn talbu sponsorship mill-Kunsill bhala ghajnuna lill-istudenti. Il-Kunsill ma laqax it-talba u qabel li ghandu jinforma lil dan id-dipartiment sabiex jitlob l-ghajnuna mill-Gvern Centrali u/jew Dipartiment tal-Edukazzjoni.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-organizzazzjoni tal-Presidents Charity Fun Run. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel strettament dak li kien sar mill-kunsill precedenti s-sena l-ohra dan sabiex ma jintefqux spejjez zejda, li jinkludi l-infih tal-bziezaq u t-tlugh taghhom fl-appartamenti sabiex jitwaddbu mit-twieqi u l-gallariji.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Charles Bonello. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi kkjarifikat li r-rampi li ghalihom qed jirreferi l-Kunsill huma dawk ta' barra u cioe' dawk li mit-triq jinzu ghal taht il-logog u mhux li jinzlu mil-logog ghas-subways. Il-Kunsill kien informat ukoll li l-fondi ghal dan il-progett ghandu jinhareg mid-dipartiment (MRRA) u mhux mill-Kunsill.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand is-Sur Saviour Spiteri li talab li jitwahhal bins hdejn il-Park and Ride minhabba li qed jintrema' hafna hmieg. Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jivverifika x'tip ta' hmieg qed jintrema' minhabba li jekk inhu dumping, il-problema xorta wahda mhux ser tissolva bi twahhil ta' bins.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand sid it-22nd January fejn talab li

titwahhal bollard quddiem il-hanut tieghu. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu xtaq bollard wahda fuq il-bankina fejn hemm id-drain tal-ilma. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-Kunsill ma jistax ikisser il-bankina minhabba li din maghmula mill-gebel tal-qawwi. Il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa li minflok bollards jitwahhlu planters zghar. Il-Kunsillier Vincent Borg zied jghid li jekk jitwahhlu bollards dawn kienu ser isolvu wkoll il-problema tas-sigurta'. Il-Kunsill qabel li ghandu jmur fuq il-post u jivverifika qabel ma jiehu decizjoni.

3.12 Is-Sindku Nigel Holland informa li kien gie avvicinat mis-sid tac-Chick King fejn talab il-permess tal-Kunsill sabiex ipoggi vending machine fi Pjazza Sant'Anna. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni diment li tithallas ir-rata stipulata ta' tpoggija ta' vending machine u bil-kundizzjoni li din il-vending machine ma ddejjaqx lin-nies tal-madwar. Is-Sindku Nigel Holland ippropona wkoll li l-Kunsill idur il-vending machines li hemm fil-lokalita' u jitlobhom il-hlas dovut lill-Kunsill marbut mat-tpoggija ta' dawn il-magni.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Dr Marc Sant. Huwa qal li l-ittra mibghuta minnu kienet wahda arroganti minhabba li jmissu jaf li ittra mibghuta mis-Segretarju Ezekuttiv tirraprezenta l-Kunsill kollu u ghalhekk ma kienx hemm lok ghall-allegazzjonijiet li xi kunsillier qed jistahba wara s-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb din l-ittra u jinforma li l-Kunsill ma jistennix li wara li gie mitlub joffri s-servizz tieghu, jaghmel dikjarazzjonijiet politici simili minhabba li dawn hemm lok iehor fejn isiru u kien ikun ahjar li kieku nforma li ma xtaqx joffri s-servizz tieghu.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Carmel Farrugia fejn talab li jaghmel uzu mill-picc nhar ta' Hamis bejn il-5.30pm u s-7.30pm. Il-Kunsillier Vincent Borg informa li wara l-laqgha li l-Kunsill kellu mas-Sur Justin Haber kien gie miftiehem li minflok siegha, l-Akkademj kienet ser thalli spazju ta' siegha u nofs u s-sezzjoni tal-Akkademja nhar ta' Hamis tispicca fil-5.30pm. Il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba tas-Sur Farrugia li tigi riveduta kull sitt xhur bil-kundizzjoni li l-Kunsill jirriserva d-dritt li jekk jinqalghu kazijiet straordinarji, ikun jista' jbiddel id-decizjoni tieghu minghajr pregudizzju.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-kwistjoni tal-privatizzazzjoni tal-parkeggi u saqsa jekk il-Kunsill kienx ser jipprocedi fuq din il-materja. Is-Sindku wiegeb li ladarba bhalissa jinsab kollox on hold bil-materja tigi sospiza mid-diskussjonijiet fil-Parlament, il-Kunsill ma kellu l-ebda idea jew hsieb jaghmel xi petizzjoni minhabba li bhalissa ma jidhirx li jkun f'waqtu. Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jikteb lil Charles Bonello u jistaqsih ghall-feedback tal-laqgha li kienet inzammet.

4.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghar-rotta nru 133 u saqsiet jekk il-Kunsill kienx inghata risposta mill-Arriva. Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li kellu jikkuntattja lis-Sur Andrew Haig. Il-Kunsill qabel li l-bus stop ghandu jsir f'nofs Triq San Frangisk ladarba ma kienx hemm bzonn li jsir bus stop u ghalhekk jistghu jigu ffrankati l-ispazji ta' parkegg.

4.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-mobile toilet li hemm hdejn il-monument tal-Indipendenza u nforma li dan kien ghadu hemm ghalkemm il-containers kienu tnehhew. Is-Sindku wiegeb li dan seta' jiswa lill-Kunsill fix-xhur tas-Sajf. Il-Vici Sindku Matthew Paris wiegeb li ghalkemm veru li dan seta' jkun utli, dan kien qed ikerrah.

4.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat li l-Ministru Austin Gatt kien habbar li kienet ser issir konsultazzjoni mal-kunsilli lokali rigward il-bendy buses. Is-Sindku wiegeb li fir-rigward ta' din il-materja, kienet giet imhabbra laqgha ghas-sindki rigward is-servizz tat-trasport pubbliku. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li l-Kunsill jinforma bit-talba tar-rotta l-gdida matul din il-laqgha. Is-Sindku talab lill-kunsillieri sabiex jghaddulu xi ilmenti jew suggerimenti li ghandhom x'jaqsmu mat-trasport pubbliku

sabiex ikun jista' jghaddihom waqt din il-laqgha.

4.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet rigward it-tindif tal-mina tal-ferrovija ghall-okkazzjoni tal-attivita' Genna ta' Gonna u kkummentat fuq il-hafna kummenti negattivi li thallew fuq siti tal-internet u f'kummenti online fuq siti ta' gazzetti. Is-Sindku wiegeb li ghalkemm hu ma kienx niezel fil-mina, it-tindif kien sar b'mod superficjali minhabba li biex din tinghata tindifa sew, kien hemm bzonn ta' eluf ta' ewro. Is-Sindku zied jghid ukoll li wara li kien tkellem ma' Paul Galea, dan kien ikkonfermalu li t-tindif li sar ghall-ammont li nefaq il-Kunsill kien wieged ragjonevoli. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li ghalkemm tifhem li t-tindif ried isir b'mod superficjali, xorta thoss li l-hmieg li ngabar inkluz il-haxix hazin li nqala' kellu jitnehha mill-mina u mhux jithalla hemmhekk ghad-durata tal-attivita'. Is-Sindku wiegeb li jekk xi kunsillier ihoss li t-tindif li sar ma kienx accettabli, tista' titressaq mozzjoni sabiex titnaqqas is-somma dovuta lill-kuntrattur jew ma jigix approvat il-pagament.

4.6 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet rigward ic-celebrazzjoni ta' Dun Karm u saqsiet min kien mistieden ghaliha. Is-Sindku wiegeb li ghal din ic-celebrazzjoni kien mistieden biss is-sindku bhalma jsir kull sena. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li fis-snin ta' qabel, kien ikun hemm kunsillieri ohra prezenti.

4.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet rigward is-sitwazzjoni ta' Gnien il-Mall u nformat li kien hemm statwa mkissra. Is-Sindku wiegeb li dawn il-monumenti kienu ghadhom kif gew irrestawrati izda l-kunsillier responsabbli kellu jinvestiga u jaghmel ir-rapport necessarju. Is-Sindku zied jghid ukoll li l-Environmental Landscape Consortium kienu kkonfermaw lill-Kunsill bil-miktub li ma kienux ser ikomplu jirrangaw il-gnien u nforma li kien ser iqajjem din il-materja fil-laqgha li kien talab mal-Ministru responsabbli. Huwa zied jghid ukoll li f'kaz li s-sitwazzjoni tibqa' tali, huwa ser jipproponi li tinzamm konferenza stampa rigward il-qaghda tal-gnien.

## 5.0 Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **71-05** li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

5.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet rigward pagament nru 8 rigward hlas ta' choir. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan kien pagament pendenti mis-sena l-ohra li kien ghadu ma thallasx.

5.3 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien hemm xi invoices ohra li ma kienux thallsu fis-snin ta' qabel u li kienu ser jithallsu f'din l-iskeda ta' pagamenti jew f'dik li jmiss.

5.4 Is-Sindku Nigel Holland informa li kellu informazzjoni li Gnien Vilhena kien ilu tliet ijiem mitfi u ghalhekk ippropona li qabel ma jigi vverifikat ix-xoghol, ghandu jinzamm il-pagament dovut lil MI Installations u lill-Inginier imqabbad mill-Kunsill.

5.5 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk Stephen Tonna kienx wiegeb rigward l-invoice zejda li kienet intbaghtet. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien ghad ma kellux risposta.

5.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-filmati tal-attivitajiet tal-Kunsill u sostna li dawn kienu ghaljin hafna. Huwa ppropona li jibdew jintalbu kwotazzjonijiet minghand diversi partijiet. Il-Kunsill approva.

5.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-pagamenti nru. 36 u 55 u saqsa jekk dawn kienux l-istess pagament. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li dawn kienu pagamenti dovuti lill-kuntrattur tal-Kunsill minhabba li qabel, il-kuntratt tat-tindif ma kiex jinkludi t-tindif ta' certu toroq bhalma hi t-Telgha tal-Kurcifiss u ghalhekk tali tindif kien jirrizulta fi hlas addizzjonali. Huwa zied

jghid ukoll li kien hemm zewg pagamenti minhabba li kull pagament kien ikopri perjodi differenti.

5.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk intbaghtitx l-ittra rigward il-gbir ta’ skart lill-agenziji u l-kumpaniji. Is-Sindku Nigel Holland informa li l-ittra ma kinietx ghadha ntbaghtet minhabba li l-Greenpak ma kienux lesti jipprovdu l-boroz lill-Kunsill jekk il-Kunsill jibqa’ jinsisti li ssir gabra tal-iskart normali nhar ta’ Tlieta.

5.9 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward il-pagament nru 64 u saqsa ghalfejn il-Kunsill kien qed ihallas ta’ twahhil ta’ bankijiet fuq il-Fosos. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn il-bankijiet kienu ser jergghu jitwahhlu wara li nqalghu fil-kuncerti li gew organizzati fis-Sajf. Huwa zied jghid li l-l-organizzaturi diga hallsu ghal dan ix-xoghol, allura il-Kunsill ma kellux spiza minhabba li kien ser johrog daqskemm dahhal.

5.10 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-pagament nru 68 u saqsa jekk il-kuntratt ta’ MI Installations jinkludiex garanzija. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-kuntratt kien jinkludi garanzija fuq il-materjal u certifikazzjoni fuq ix-xoghol. Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill izomm il-pagament ta’ MI Installations u tal-inginier tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

5.11 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jigi rregistrat fil-minuti li hu kien ser jastjeni mill-pagament nru 46 pagabbli lill-ADI Associates.

5.12 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10950 sa 11024 u 109 sa 110 eskluzi c-cekk nru 11016 u l-pagament dovut lill-Inginier Rapa sakemm il-Kunsill ikun accertat li s-sistema l-gdida tad-dawl fi Gnien Vilhena hija adegwata, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, VB, MP, DSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

5.13 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 18:50 Il-Kunsill qabel li l-laqgha tal-Kunsill ghandha tigi sospiza sakemm il-Kunsill jistieden mal-mejda lis-Sur Wilson Mifsud**

**Nota: 19:15 L-ghaxar (10) laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali tkompliet.**

5.14 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq kwotazzjoni ghall-cat cafes li gew approvati mill-Kunsill. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fakkret li l-cat cafes li kien hemm bzonn jinbidlu huma dak ta’ hdejn l-AGFA, hdejn l-Isptar Sir Paul Boffa kif ukoll fi Gnien Sir Luigi Preziosi. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hemm bzonn li l-cat cafe li hemm fi Gnien il-Mall isir b’tali mod li jkun waterproof.

5.15 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq kwotazzjoni minghand l-Inginier Rapa sabiex jaghmel rapport ghas-sistema tad-dawl tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V li tammonta ghall-€500, u li huma parti mill-progett ta tisbih u manteniment taht Gardmed. Il-Kunsill approva ladarba dan kien ser eventwalment jghin biex inaqqas mill-ispiza rikorrenti li l-Kunsill kellu minhabba d-dwal tal-gnien.

5.16 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq kwotazzjoni minghand Quentin Farrugia sabiex jaghmel rapport, jassist lis-Segretarju fit-thejjija ta tendenr, u rapport fuq l-aggudikazzjoni tat-tender ghas-sistema tas-CCTV tac-Centru Rikreattiv Re Gorg V li tammonta ghall-€300, u li huma parti mill-progett ta tisbih u manteniment taht Gardmed. Il-Kunsill approva

5.17 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill lista ta' memos interni minn nru 1-06 sa nru 67-06. Il-Kunsill approva.

## 6.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

6.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li kien qed ikun hemm diversi ilmenti rigward il-latrini partikolarment dik tal-Bombi. Huwa nforma li l-latrini jaqghu taht il-kariga tas-sahha. Il-Kunsillier Matthew Paris offra li l-ilmenti li jaqghu taht is-sahha jigu mghoddijin lilu sakemm il-Kunsillier Anthony Brincat ikun qed ihossu ahjar. Il-Kunsill qabel.

6.2 Is-Sindku Nigel Holland informa li jekk ikun hemm iktar ilmenti, specjalment jekk jigu minghajr is-supervisors tal-Gvern, hu kien ser jipproponi li l-kuntrattur tinhariglu default notice b'mod immedjat.

6.3 Mozzjoni **10/1** – *Wara diversi ilment mir-residenti furjanizi inhoss li l kuntrattur tal-Bulky Refuse mhux qed jghamel xoghlu sew. Barra minhekk ma nhossx li l van li jigbor bih ill bulky refuse ghandux jigi iparkjat lejl u nhar fi toroq ewlenin tal floriana, mimli bl-iskart. Allura ghandna nigbdulu l attenzjoni billi nohorgulu l ewwel default notice*

Proponent – Davina Sammut Hili

Sekondant – Vince Borg

Datata – 30 t'Ottubru 2012

6.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li qed ikollha diversi ilmenti minn residenti u giet informatha li qed ikun hemm diversi oggetti li jkunu miktubin u ma jingabrux. Hi ziedet tghid li ghalkemm jergghu jitnizzlu ghall-gurnata ohra, dawn gieli jergghu ma jingabrux.

6.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili lmentat ukoll li l-vann qed jithalla mimli imbarazz ipparkjat quddiem il-Kunsill jew quddiem il-knisja u dan qed ikerrah u jkun kawza ta'hafna ilmenti.

6.6 Il-Kunsillier Vincent Borg informa wkoll li l-vann li qed juza l-kuntrattur jinsab minghajr licenzja valida u jinsab ikkoncernat li dan jista' jkun ta' problema ghall-Kunsill li qed jimpjega kuntrattur minghajr licenzja.

6.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet ukoll li mhux sew li dan mhux qed jigi mharrek, specjalment mill-gwardjani lokali li jaghlqu ghajnejhom ghalkemm jafu li l-vettura tinsab minghajr licenzja. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-gwardjani lokali sabiex jaghmlu xogholhom u jharrku kull vettura minghajr licenzja.

6.8 Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta diversi lmenti minn residenti u nforma li sehh kaz dakinhar stess fejn persuna gie bir-ritratti bhala prova ta' dak kollu li ma ngabarlux.

6.9 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-vann li minnu jaghmel uzu l-kuntrattur m'huwiex l-istess vann li kien hemm imnizzel fit-tender. Is-Sindku zied jghid li l-kuntrattur huwa obbligat bit-tender li jinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe kambjament inkluz dak ta' bidla tal-vettura.

6.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili sostniet li l-vann jekk ser jithalla kollu mbarazz m'ghandux jigi pparkjat fit-triq izda ghandu jigi ggaraxxjat.

6.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet ukoll rigward karta tal-Wasteserv li kienet giet mitluba mil-kuntrattur. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din il-karta kien lestiha u ghaddihielu.

6.12 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li wara li kien tkellem mal-Wasteserv, kien hemm soluzzjoni possibli ghal dawn il-problemi billi l-kuntrattur jibda' jithallas ta' kull haga li jarmi l-Wasteserv. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-kuntratt prezenti ma kienx jezercita hekk, u ghalhekk il-Kunsill ried jaghmel uzu mill-exit clause li hi inkluza fil-kuntratt sabiex ikun jista' jaghmel dan il-kambjament.

6.13 Wara li tressqet mozzjoni favur l-ghoti ta' default notice lill-kuntrattur Karl De Flavia fejn jigu specifikati dawn l-ilmenti kollha u fejn il-kuntrattur jintalab jirregolarizza ruhu mal-kuntratt, imressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (DSH, VB, NH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

6.14 **10/2 –** *Billi l-iskema ta' parkegg residenzjali kif inhaddma fil-prezent qed tohloq differenzi bejn ir-residenti li ghandhom 60 sena u li ghandhom tfal jghixu barra il- Floriana u dawk ir-residenti li huwa taht is-60 sena u ghandhom tfal jghixu barra l-Floriana jiena qed nipproponi li dawk ir-residenti taht is-60 sena li ghandhom tfal jghixu barra il-Floriana jkunu jistaw japplikaw ghall-permess residenzjali ghal wiehed min uliedhom li jkun qed jghix barra l-Floriana.*

Proponent – Vince Borg

Sekondant – Davina Sammut Hili

Datata – 30 t'Ottubru 2012

6.15 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li r-raguni ghalfejn ressaq din il-proposta hi minhabba l-fatt li r-regoli kif qeghdin issa huma diskriminatorji.

6.16 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hemm residenti li ghandhom bzonn permess ghal uliedhom anke jekk ghadhom m'ghalqux 60 sena u dan minhabba li hemm diversi kazijiet eccezzjonali.

6.17 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li jinhargu permessi lil xi whud li jippermettilhom li jipparkjaw hames sieghat minflok saghtejn u nofs izda l-Kunsill ma qabilx minhabba li din ser tikkomplika l-affarijiet u anke minhabba li l-iskema ta' parkegg residenzjali trid terga' tigi approvata minn Transport Malta.

6.18 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li minflok jinghata permess lil kull wild, jinghata biss permess wiehed lil dawk ir-residenti li ghandhom taht is-sittin sena li jkun maghzul mill-istess applikant.

6.19 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kien hemm diversi talbiet sabiex din il-proposta tidhol fis-sehh minhabba li hemm diversi nies mizzewgin li ghandhom tfal kbar li jghixu barra mil-lokalita' izda ghadhom m'ghalqux is-sittin sena.

6.20 Is-Sindku Nigel Holland qal li jhoss li hemm bizzejjed salvagwardji ghal kazijiet eccezzjonali fejn wiehed jista' japplika taht il-Bord tal-Verifika u issa anke jappella mid-decizjoni tal-Bord taht il-Bord tal-Appell. Irrimakr ukoll li ma jara l-ebda kaz ta diskirimizzjoni.

6.21 Is-Sindku qal ukoll li l-problema hija n-numri ta' spazji ta' parkeggi li huma tant limitati u ghalhekk ihoss li tkun qed tinholoq pressjoni fuq sistema ta' parkegg li diga hemm diversi residenti li jgorru dwarha u jhossu li xorta ma jsibux fejn jipparkjaw.

6.22 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li issa li gie fis-sehh il-Bord tal-Appell, il-Kunsill jikteb lil kull min applika ghal permess u gie rrifjutat sabiex jigu nformati bil-possibilta' tal-appell.

6.23 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jhoss li l-ahjar soluzzjoni tkun li wiehed jara kif ser jiffunzjona l-Bord tal-Appell qabel ma jdahhal din il-procedura gdida.

6.24 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, tressqet mozzjoni favur l-approvazzjoni ghall-introduzzjoni ta' permess wiehed lil kull familja li ghandha inqas minn sittin sena, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (VB, DSH)
Kontra: 2 (NH, MP)
Astensjonijiet: 0

6.25 Ghalhekk il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili ma gietx approvata.

---

6.26 **10/3** - *Jien inhoss li wasal iz-zmien sabiex il-kunsill jixtri xi ghodda sabiex il-haddiema tieghu jkunu jistaw jahdmu ahjar. Din l-ghodda tikkonsisti f'generator, welding set u chaser. Dawn se jiffrankaw il-flus lill-kunsill ghax nifrankaw li inqabdu xi kuntrattur.*

Proponent – Vince Borg

Sekondant – Davina Sammut Hili

Datata – 30 t'Ottubru 2012

6.26 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li fil-mument, il-Kunsill ghandu nies li jistghu jaghmlu uzu mill-ghodda proposta u ghalhekk, jekk il-Kunsill jixtri din l-ghodda, ser jiffranka milli joqghod jikri l-istess ghodda jew milli jqabbad xi kuntrattur terzjarju. Huwa zied jghid li l-kwotazzjoni mitluba kienet tinkludi karru u extra wheel ghac-chaser.

6.27 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, tressqet mozzjoni favur l-approvazzjoni ghax-xiri tal-ghodda msemmija, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (VB, DSH, NH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

---

6.28 **10/4** - *Xi sentejn ilu il-kunsill kien approva li jinxtara van sabiex jintuza ghax xoghol tal-kunsill. Billi dak inhar il-haddiema ma riedux juzaw dan il-van u issa ghandna min lest li juza dan il-vann ghax-xoghol tal-kunsill.*
*Ghaldaqstant jien qed nipproponi li nixtru van zghir second hand sabiex il-haddiema taghna ikunu aktar efficenti.*

Proponent – Vince Borg

Sekondant – Davina Sammut Hili

Datata – 30 t'Ottubru 2012

6.29 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li bhalma qal qabel il-Kunsill ghandu haddiema li lesti li jaghmlu uzu minn dan il-vann u b'hekk isir iktar xoghol b'inqas tbatija.

6.30 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien dejjem favur li l-Kunsill ikollu vann izda qal li fis-sitwazzjoni finanzjarja li qieghed fiha l-Kunsill ihoss li l-Kunsill ma jistax jaffordja din in-nefqa.

6.31 Il-Kunsillier Matthew Paris gibed l-attenzjoni li l-haddiema li ghandu bhalissa l-Kunsill m'humiex permanenti minhabba li dawn qeghdin taht skema differenti.

6.32 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, tressqet mozzjoni favur ix-xiri ta' vann second hand ghall-Kunsill, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (VB, DSH)
Kontra: 2 (NH, MP)
Astensjonijiet: 0

6.33 Ghalhekk il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili ma gietx approvata.

---

6.34 **10/5** – *Wara li giet approvata mozzjoni sabiex il-hinijet tas-sajf tal-impjegati klerikali isiru bhal tal-gvern, (mis-16 ta Gunju, sal –ahhar ta Settembru), qed niproponi 3 ghazliet ta` hinijiet tax-xitwa sabiex jadhmu ghas sieghat tas-sajf (nofs siegha iktar mill-ezistenti, kulljum)*

| | | |
|---|---|---|
| **1** | Dhul | 7.30a.m |
| | Break | 15-il minuta |
| | Gheluq | 4.30p.m |
| **2** | Dhul | 7.15a.m (ftuh ghall-pubbliku - 7.45a.m) |
| | Break | 15-il minuta |
| | Gheluq | 4.15p.m |
| **3** | Dhul | 7.15.a.m **(**ftuh ghall-pubbliku - 7.45a.m) |
| | Break | 30 minuta |
| | Gheluq | 4.30p.m |

Proponent – Davina Sammut Hili

Sekondant – Vince Borg

Datata – 30 t'Ottubru 2012

6.35 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv dwar l-opinjoni tieghu ghal dawn il-hinijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kellux oggezzjoni ghall-ebda wahda minn dawn il-proposti minhabba li l-avariji huma minimi.

6.36 Is-Sindku Nigel Holland saqsa rigward il-hinijiet tal-ftuh tal-ufficcju u s-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn ser jithallew kif inhuma b'eccezzjoni ghall-hinijiet ta' Gunju, Lulju, Awwissu u Settembru.

**Nota: 19:50 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

6.37 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ma jaqbilx ma' din il-proposta anke minhabba l-fatt li l-Kunsill ser ikun qed jesponi ruhu ghal iktar overtime jekk il-haddiema jispiccaw qabel.

6.38 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, tressqet mozzjoni favur l-ghazla ta' Option 1 fejn l-impjegati jahdmu bejn is-7.30am u l-4.30pm u favur l-introduzzjoni tal-hinijet tas-Sajf bhal tal-gvern, (mis-16 ta Gunju, sal –ahhar ta Settembru,, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (VB, DSH)
Kontra: 1 (NH)
Astensjonijiet: 0

## 7.0 Rapport Finanzjarju – Tieni Kwart tas-Sena

7.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fuq fuq ir-Rapport Finanzjarju tat-Tieni kwart tas-sena.

**Nota: 19:53 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' rritorna ghal-laqgha.**

7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li s-sitwazzjoni finanzjarja xejn m'hi sabiha u jidher car id-deficit.

7.3 Huwa zied jghid ukoll li zdiedet hafna l-ispiza tal-manutenzjoni, l-attivitajiet u l-overtime tal-impjegati, minhabba l-attivitajiet

7.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li certu xogholijiet zghar ghandhom jibdew jaghmluhom il-haddiema tal-Kunsill u mhux jitqabbdu l-kuntratturi terzjarji dan biex titnaqqas l-ispiza tal-manutenzjoni.

7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li certu spejjez ta pagi, kienu ser jigu rodduti lura mill-progett ta' Gardmed izda dan il-progett ma kienx ser ikopri l-ispejjez kollha.

7.6 Wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Vici Sindku Matthew Paris, tressqet mozzjoni rigward l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Tieni kwart tas-sena, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (NH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 8.0 Evalwazzjoni tal-offera – FLC/T/6/12 – Architects and Works Manager

8.1 Il-Kunsill qabel li jitlestew ir-rakkomandazzjonijiet ta' kull tender qabel ma tittiehed decizjoni finali. Ghalhekk il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

**Nota: 19:55 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris gie mitlub jippresiedi l-laqgha.**

**Il-Kunsill qabel li fl-assenza tas-Sindku, tigi diskussa l-materja nru 10 minflok il-materja nru 9.**

## 10.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejliet L-Ewwel tas-Sena

10.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li kien baghat zewg dokumenti lil kull kunsillier; wiehed li jinkludi l-kuntratt propost mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta u l-iehor li jinkludi l-logistics manager agreement. Huwa zied jghid li hemm varji punti u prova jinkorpor kull ma gie propost kif ukoll dawk il-punti kollha indikati fid-dokument tat-tender li kien johrog fil-passat. Huwa zied jghid li l-kunsillieri kienu mitluba jaghtu daqqa t'ghajn liz-zewg dokumenti u jghaddu s-suggerimenti taghhom.

10.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jigi specifikat li l-entratura ghac-celebrazzjoni trid tkun b'xejn.

10.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jikkoncedilu areas specifici li jkunu VIP u bi hlas, u li jkunu jinkludu open bar, ecc.

**Nota: 20:03 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**
**Is-Sindku Nigel Holland kompla jippresiedi l-laqgha.**

10.4 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili kif kienet baqghet mas-Sur Justin Attard. Il-Kunsilliera Sammut Hili wiegbet li ghalkemm pruvat kemm-il darba taghmel kuntatt mas-Sur Attard, dan ma kienx wegibha.

10.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li hemm bzonn li l-Kunsill jara x'se jaghmel minhabba li z-zmien kien qed igerbeb u ma kien ghad hemm xejn specifiku kkonfermat.

10.6 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li qed tikkoncernah it-tender tal-kirja tat-tinda, fi ftit zmien irid jigi konkluz.

10.7 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser jiltaqa' mas-Sur Justin Attard l-ghada u kien ser ikellmu rigward dak li kien qed jigi diskuss.

10.8 Il-Kunsill qabel li ghandu jnizzel ukoll li s-sigurta' kif ukoll impjieg ta' gwardjani lokali jew membri tal-Pulizija jkunu r-responsabbilta' tas-Sur Justin Attard.

10.9 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li jekk is-Sur Attard ma jigix s'ghada, il-Kunsill isib alternattivi ohrajn bhal jikkuntattja lil NNG jew kumpaniji ohra.

10.10 Wara li tressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-kuntratt a bazi tal-memorandum mill-Vici Sindku Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 4 (MP, VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

10.11 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu ser jivvota favur il-kuntratt u mhux favur id-decizjoni li l-attivita' ssir b'mod kongunt mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta u li ssir fuq il-Fosos.

10.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li jigi rregistrat fil-minuti li hi kienet favur id-

decizjoni li l-attivita' ssir b'mod kongunt mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta u li ssir fuq il-Fosos minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u mhux ghax xtaqet li din ma tibqax tigi organizzata kif kienet.

## 9.0 Skemi UIF u CPPS / Progett ta parkegg pubbliku

9.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li wara d-diskussjonijiet li kellu l-Kunsill sabiex ikollu dhul gdid, wahda mill-proposti kienet dik li l-Kunsill jaghmel uzu mis-somma zghira li ghandu fil-UIF.

9.2 Is-Sindku zied jghid li wara li kien ivverifika irrizulta li l-kunsilli lokali jistghu japplikaw ghas-CPPS bhalma ghamel il-Kunsill Lokali Hamrun meta applika biex jaghmel il-progett tal-carpark.

9.3 Ghalhekk, huwa zied jghid li kienet gietu l-idea li l-kunsill jaghmel parkegg fix-Xaghra fejn il-Kunsill jaghmel il-progett u d-dhul jinqasam jew imur kollu ghall-Floriana FC. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill javvicina lill-Floriana FC dwar din l-idea.

9.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li ghalkemm il-Kunsill huwa intitolat ghall-fondi, xorta wahda hemm bzonn li jkollu art disponibbli u ghalhekk seta' jaghmel uzu mill-art tal-Floriana FC li ghandha t-titolu legali tal-art proposta.

9.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li wiehed irid jivverifika l-kuntratt li ghandhom il-Floriana FC u jiddetermina jekk din l-art tistax tintuza b'mod kummercjali.

9.6 Il-Kunsill qabel fil-principju izda qabel li ghandu jesplora l-possibiltajiet li jsir ftehim li jibbenefika kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-Floriana FC a kwantu ta' dhul.

## 11.0 PPP – Justbes Ltd

11.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li wara li kien hemm tahdidiet ma' Dr Angele Vella rigward il-kwistjoni tal-PPP, din emfasizzat il-kien hemm bzonn li jinkiseb permess bil-miktub mid-Dipartiment tal-Artijiet.

11.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu kien diga kiteb diversi drabi lid-Dipartiment ikkoncernat izda kien ghadu qed jistenna risposta.

11.3 Is-Sindku Nigel Holland semma wkoll li Dr Vella informat li f'Artiklu 7, il-Kunsill kien qed jaghti kunsens awtomatiku. Hija gibdet l-attenzjoni wkoll ghal Artiklu 10 fejn gie suggeriet li l-Kunsill jevalwa x'tip ta' reklamar ikun permess.

11.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris gibed l-attenzjoni ghar-reklam li s-Sur Justin Haber kien wahhal mal-grada tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u talab li din titnehha minhabba li kien qed jircievi diversi lmenti minn residenti. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lis-Sur Haber li ser itih zmien ta' 24 siegha sabiex dan ir-reklam jitnehha u f'kaz li jibqa' ma jitnehhiex, ser jerfa' r-responsabbilta' ta' dak kollu li jista' jinqala' hu.

11.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jimmodifika l-kuntratt sabiex ir-reklami kollha li jigu esebiti fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V jigu approvati mill-Kunsill.

11.6 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni ghal Artiklu 13 u wara li gie diskuss mal-avukat, dan andu jitranga. Il-Kunsilleri vince borg irrimarka li dan l-artiklu ghandu jinbidel.

11.7 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li tinbidel il-kundizzjoni ta' kemm-il siegha trid tithalla vojta u talab li din tinbidel ghal siegha u nofs. Il-Kunsill qabel li ghandu jitnizzel li l-Kunsill qabel fil-principju li din is-siegha u nofs tithalla libera nhar ta' Hamis bejn il-5.30pm u s-7.00pm izda tibqa' ghad-diskrezzjoni tal-Kunsill li l-gurnata meta din tinghata tista' tinbidel mill-Kunsill.

**Nota: 20:25 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

11.10 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-picc li gie rinovat baqax tajjeb ghat-tennis u talab li fil-kuntratt jigi mizjud specifikament li l-picc irid ikun tajjeb sabiex jintuza' wkoll ghall-isport tat-tennis kif kien gie deciz u maqbul inizjalment.

**Nota: 20:28 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' rritorna ghal-laqgha.**

11.11 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li d-dokumenti, kontijiet u anke l-kuntratt jibdew jghoddu mid-data ta' meta beda' jintuza u cioe' d-9 t'Ottubru 2012.

11.12 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona li jigi nstallat sub meter ghad-dressing rooms sabiex ikun jista' jinzamm rendikont tal-konsum tal-elettriku apaprti.

## 12.0 Post Mortem Floriana Fest.

**Nota: 20.30 Il-Kunsill qabel li ghandu jestendi l-laqgha b'siegha.**

12.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex tiftah il-materja minhabba li kienet hi li talbet li din titpogga fuq l-agenda.

12.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi nformat lill-Kunsill bl-ispejjez li saru matul il-Florianafest ta' din is-sena.

12.3 Il-Kunsilliera Sammut Hili saqsiet ukoll kemm giet tiswa' din l-attivita' s-sena l-ohra izda s-Segretarju Ezekuttiv informa li ma kellux din l-informazzjoni izda kien ser jiccekkja u jinformaha.

12.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li s-somma pprezentata kienet tinkludi l-ispejjez li kienu ser jigu kopruti mill-progett Gardmed, relatati mal-Kompetizzjoni il-Gnien tal-Lokalita Tieghi.

12.5 Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet ukoll li s-sistema ta' sawnd ma kinietx ta' kwalita' tajba u talbet li ma jergax isir l-istess nuqqas ghas-sena d-diehla.

12.6 Il-Kunsilliera Sammut Hili saqsiet rigward il-pagament mahrug ghas-siggijiet tal-Knisja u saqsiet ghalfejn dawn kienu qed jithallsu mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan il-pagamenti ghandu jitnizzel fil-pagamenti li ser jigu kopruti mill-Gardmed.

12.7 Is-Sindku Nigel Holland talab li jsir paragun man-nefqa tas-sena l-ohra biex il-Kunsill ikun jista' jqabbel.

## 13.0 Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kienet inzammet il-laqgha tas-sottokumitat Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u qal li kien hemm Chris Micallef u Noel Castillo prezenti ghal-laqgha.

13.2 Is-Sindku qal li kien hemm proposta li l-festival jerga' jsir b'mod kompetittiv u dan minhabba li jiggenera iktar interess fost il-partecipanti.

13.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk is-Sur Tonio Azzopardi kienx rega' kkonferma l-interess tieghu biex jifforma parti mis-sotto kumitat. Is-Sindku nformah illi ma kienx ircieva twegiba. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lis-Sur Azzopardi minhabba li dan kien bniedem esperjenzat u li jahdem hafna.

13.4 Is-Sindku Nigel Holland informa li s-Sur Chris Micallef kien talab il-kummenti tal-membri tal-Ghaqda Dilettanti tan-Nar fjen kien hemm diversi suggerimenti.

13.5 Is-Sindku zied jghid li fost is-suggerimenti kien hemm li jizdied il-prezz tal-irdieden. Huwa ssuggerixxa li jigu eliminati premjijiet ghal min jirbah kategorija u jinghata sussidju sa €450 kull raddiena.

13.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li r-rebbieh tal-festival ghandu jiehu l-istess premju bhal ma jsir f'kompetizzjonijiet ohra nazzjonali

13.7 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li ghandu jkun hemm massimu ta' zewg irdieden kull darba dan sabiex ma jintefaqx iktar mill-ammont li ntefaq is-sena l-ohra.

13.8 Is-Sindku ssuggerixxa wkoll li minflok it-tapit li jsir fl-ahhar, issir kaxxa tac-cinizi li tinghata minn fuq il-kazin tal-futbol u li tigi tiswa' lill-Kunsill inqas flus.

13.9 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li kien hemm xi kwistjonijiet fuq ir-regolamenti li gew diskussi. Is-Sindku qal li jekk il-livell tar-raddiena ma jkunx accettabli, ghandu jitnaqqas l-ammont dovut lill-kamra tan-nar ikkoncernata jew tigi skwalifikata l-kamra milli tiehu sehem f'edizzjonijiet ohra.

13.10 Is-Sindku qal li festival kompetittiv ser ikun iktar impenjattiv u jaf ikun hemm xi spejjez ohra minhabba li jkun hemm bzonn li titqabbad gurija sabiex tevalwa l-kompetizzjoni.

13.11 Is-Sindku zied jghid li l-ispiza ghal dan il-festival kienet ser tkun ghalja u ghalhekk talab li jsir dak kollu possibli sabiex il-Kunsill itaffi ftit mill-ispiza.

13.12 Is-Sindku qal li fl-edizzjoni passata, l-ispiza tal-barriers kienet fenomenali u ssuggerixxa li dawn jinxtraw minflok jinkrew.

13.13 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-barriers tal-plastic ikunux siguri.

13.14 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jikkunsidra li jsir gheluq mod iehor sabiex tigi ffrankata l-ispiza tal-barriers.

13.15 Is-Sindku ppropona li jsiru xi seats gholjin sabiex jigu mhajjra wkoll nies Maltin u mhux biss turisti li jattendu ghall-festival u jkunu jistghu isegwuh mill-gholi.

13.16 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li ssir l-ewwel staffa ta' barriers izda ma ssirx id-dawra kollha biex b'hekk il-Kunsill itaffi ftit mill-ispejjez.

## 14.0 Progett hdejn Binja Vilhena

14.1 Is-Sindku Nigel Holland infroma li l-progett ta' hdejn Binja Vilhena kien lest.

14.2 Is-Sindku qal li wara li kien tkellem ma' ufficjal tal-Awtorita' tal-ippjanar kien gie nfomar li

DNO ghandha tkun sufficjenti sabiex isiru l-arrangamenti necessarji u li m'hemmx bzonn full application peress li x-xoghol necessarju huwa wiehed ta' manutenzjoni.

14.3 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li fil-kwotazzjoni ma kienx hemm imsemmi t-trinka li kien hemm bzonn issir.

14.4 Is-Sindku Nigel Holland informa li kien talab laqgha ma' Dr Albert Buttigieg sabiex jigu diskussi d-dettalji u tigi mitluba estensjoni.

14.5 Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerixxa li l-Kunsill jaghmel uzu mill-kuntrattur tar-Road Servicing ghax-xoghol li jonqos isir.

## 15.0 Bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti / Triq L-Iljun

15.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li wara li kien tkellem mal-kuntrattur tar-Road Servicing, dan kien informah li kien ser jibda' x-xoghol il-gimgha ta' wara.

15.2 Is-Sindku Nigel Holland saqsa kemm jonqos sabiex jasal il-porfido. Il-Kunsillier Vincent Borg informah li kien ghad jonqos sitt gimghat sabiex jasal il-materjal mehtieg.

15.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li kien qed jistenna lil Waterservices Corporation sabiex jigu jaghmlu xi xoghol mehtieg biex ikun jista' jkompli x-xoghol fuq il-bankini u l-asfaltar ta' Triq l-Argotti u Triq l-Iljun.

15.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-kuntrattur Dion Galea kien naddaf u ghalaq kollox u kien ghad jonqos biss ix-xoghol imsemmi mill-WSC.

## 16.0 Indafa fil-Floriana

16.1 Is-Sindku ghamel riferenza ghal-laqgha li nzammet mas-Sur Wilson Mifsud fejn gew diskussi diversi ilmenti li l-Kunsill kellu rigward l-indafa fil-Floriana.

16.2 Is-Sindku beda billi qal li wahda mill-prioritajiet kbar li ghandu l-Kunsill hija l-indafa li dwarha l-Kunsill jigi kkritikat hafna u ghalhekk hemm bzonn li tinghata attenzjoni

16.3 Is-Sindku kompla billi qal li wara li gew moghtija xi default notices, kien gie miftiehem li l-ilmenti tar-residenti jibdew jghaddu direttament ghand il-kuntrattur.

16.4 Is-Sindku semma wkoll li kienu waslulu rapporti li l-kuntrattur kien qed jahdem b'haddiem wiehed u ghalkemm il-Kunsill qatt ma intrometta ruhu f'kemm il-haddiem ihaddem il-kuntrattur, jidher li haddiem wiehed biss m'huwiex qed ilehhaq mal-knis tal-lokalita' kollha. Il-kuntrattur informa li haddiema kien hemm tnejn izda wiehed minnhom jieqaf f'xi hin filghodu u ma jkunx hemm tul il-gurnata kollha.

16.5 Il-kuntrattur informa li fir-rigward ta' zoni mhux residenzjali bhal fejn jarma l-monti, dawn iz-zoni jsiru bl-isweeper u ma jsirx mil-haddiema minhabba l-kobor.

16.6 Is-Sindku talab lill-kuntrattur jitlob lill-haddiema sabiex triq issir min-naha ghal naha minhabba li ta' sikwit jigi nnutat ammont ta' hmieg li jibqa' ma jinkinisx.

16.7 Is-Sindku nforma wkoll li kull triq fil-lokalita' triq issir tliet darbiet fil-gimgha u dan skont l-iskeda moghtija mill-Kunsill lill-kuntrattur.

16.8 Is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-kuntrattur u talab li l-bins jibdew jitbattlu b'mod regolari. Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa ghalfejn il-bins m'humiex jinghalqu u talab li dawn jinghalqu sew u jigu ttrattati tajjeb. Is-Sindku zied jghid li dawn il-bins saru jiswew hafna flus u ghalhekk kien hemm bzonn li ssir l-inqas hsara possibli.

16.9 Il-Kunsillier Vincent Borg talab ghal darb'ohra li l-boroz is-suwed ma jibqghux jingabru iktar fil-kantunieri specjalment meta t-trakk ikun ghad fadallu hafna biex jghaddi. Il-kuntrattur wiegeb li l-haddiema tieghu ghandom struzzjonijiet li johorgu boroz fil-kantunieri fi Trejqet l-Imhazen u Trejqet il-Fosos minhabba li ma jidholx it-trakk f'dawn it-toroq. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li din is-sistema tat-tgeddis ghandha tinqata'.

16.10 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni ghall-fatt li l-iskart mhux qed jingabar fi Triq l-Argotti. Il-kuntrattur kien irrimarka li l-haddiema ma kienux jafu li f'din it-triq bdew joqghodu n-nies. Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hemm min ilu joqghod hemm is-snin. Il-kuntrattur wiegeb li dawn ir-residenti johorgu l-iskart taghhom fit-tarf u ghalhekk qatt ma kien hemm bzonn li t-trakk jidhol f'din it-triq.

16.11 Is-Sindku Nigel Holland talab li jinzammu l-hinijiet li fihom jibda' jingabar l-iskart dan sabiex ikun hemm rutina u r-residenti jkunu jafu f'ixhin ghandhom johorgu l-iskart.

16.12 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward l-uzu tal-kantina tad-Dar tal-Kunsill mill-kuntrattur u saqsa jekk kienx hemm il-bzonn li din tintuza. Il-kuntrattur wiegeb li din kien ilu juzaha kemm hu kif ukoll il-kuntrattur precedenti. Il-Kunsill talab li din tithalla nadifa kemm jista' jkun minhabba li kien qed ikun hemm l-ilmenti mir-residenti minhabba l-intejjen u kwistjonijiet ta' sahha.

16.13 Is-Sindku talab li hemm bzonn jinzerghu xi xtieli fi Gnien Vilhena fejn hemm il-maisonettes minhabba li hemm hafna haxix hazin u hemm bzonn jithawwel xi haga sura.

16.14 Is-Sindku Nigel Holland informa wkoll b'xi ilmenti ohra rigward il-latrina tal-KGV u ilmenti ohra fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

16.15 Il-Kunsillier Vincent Borg informa li kien diga nforma lill-kuntrattur rigward il-maggoranza ta' dawn l-ilmenti.

16.16 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-kuntrattur tal-gabbana tal-KGV hux obbligat li jdahhal is-siggijiet gewwa meta ma jkunx qed jaghmel uzu minnhom. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li jrid jivverifikat mal-kuntratt.

16.17 Il-Vici Sindku Matthew Paris offra li jiehu dawn l-ilmenti f'idejh u jinforma lill-kuntrattur bl-ilmenti msemmija.

## 17.0 Aġġornament tal-laqgħa

17.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru 2012 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.05.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv